**2 ta' Ġunju**

**Tifkira ta'**

S. MARĊELLINU U S. PIETRU, MARTRI

Ħadu l-martirju fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu; ta' dan għandna x-xhieda tal-Papa Damasu, li sar jaf bil-mewt tagħhom minn għand dak stess li qatilhom. Sofrew qtigħ ir-ras f'xi foresta, iżda mbagħad difnuhom fiċ-ċimiterju *Ad duas lauros* fit-triq Labicana u, wara li l-Knisja kisbet il-paċi, inbniet bażilka fuq qabarhom.

Mill-Komun tal-martri...

Talba

O Alla, inti turina mħabbtek u tħarisna għall-merti tax-xhieda glorjuża li tawk il-martri San Marċellinu u San Pietru; agħmel li aħna nimxu fuq l-eżempji li tawna u nħossu l-għajnuna tat-talb tagħhom. B'Ibnek.